*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 59**

**Il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard- Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
John B Camilleri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri- Kunsillier
Charlot Cassar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**59.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

Il-Viċi Sindku Desiree' Attard ippresediet il-laqgħa fl-assenza tas-Sindku

**59.1.1** Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija

**59.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-minuti preċedenti is-Sur Charlot Cassar u s-Sur Daniel Spiteri mhumiex imniżżla bħala preżenti u għandha tittranġa u jitniżżlu li kienu preżenti.

Sar qbil unanimu.

**59.2.1** Is-Sur John B Camilleri qal illi artiklu 58.2.1 paġna 2 għandha tinbidel u issir:

'Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-mera ordnajniha.'

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-18.02pm***

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mil-Viċi Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal għal laqgħa fis-18.10pm.***

**59.2.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq artiklu 58.3.3 paġna 3 jekk il-Kunsill għamilx l-istqarrija stampa li ġiet deċiża fil-minuti preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ħareġ stqarrija fuq il-gażżetti fejn irringrazzja lid-Dipartiment tal-protezzjoni ċivili kif ukoll lil dawk in-nies li għenu b'mod volontarju.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Kunsill kellu jagħmel press release fejn jgħid illi l-impjant tar-riċiklaġġ għandu jitneħħa mill-aktar fis possibli aktar u aktar wara l-inċident li seħħ anke jekk ir-residenti dejjem kienu nfurmati illi ma hemmx periklu fl-impjant.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Gvern diġa qal illi l-impjant ser ikun qed jitneħħa minn Marsaskala pero dan ma jistgħax isir mil-lum għal għada iżda ser jieħu seba snin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-Kunsill jafx jekk l-impjant hux ser jittranġa mill-ħsarat li ġarrab.

Il-Viċi Sindku Desiree Attard qalet illi n-nies baqgħu jistaqsu x'kienu d-dħaħen kollha li blajna meta seħħ l-inċident u l-Kunsill m'għandu l-ebda risposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandu jkollna direzzjoni għaliex id-dħaħen għadhom hierġin.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsill għandu jistaqsi jekk għadx għandu rappreżentant fil-board tal-SAWTP Committee.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-18.13pm.***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Kunsill ma jafx x'inhu jiġri għaliex m'għadu joħroġ l-ebda rapport fuq l-istat tal-impjant bħal ma kien isir qabel.

Kompla jgħid illi għandna nkellmu lill Profs Joseph Buhagiar sabiex nagħmlu laqgħa miegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Profs Buhagiar kien qiegħed fil-board biss sabiex jirrappreżenta lill-Kunsill u jissorvelja r-rapport li joħorġu n-nies speċċjalizzati fil-board.

Kien hemm qbil unanimu illi tintbgħat ittra lill-board tal-SAWTP fejn nistaqsu jekk l-impjant hux ser jittranġa, nistaqsu għal aktar informazzjoni fuq id-dħaħen li għadhom hierġin mill-impjant u meta ser jitneħħa l-impjant anke dak li qiegħed fuq in-naħa ta barra għaliex huwa perikoluż u eyesore għar-residenti.

**59.2.3** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard tkellmet fuq artiklu 58.6.2 paġna 4 rigward il-proposta tat-tneħħija tad-dar fi Triq ix-Xatt u qalet illi hi tipproponi illi fid-dawl li nħareġ permeess mil-Planning Authority għandna nappellaw kontra din id-deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-aħħar laqgħa li kellu l-Kunsill hu talab sabiex il-Kunsill jieħu vot fuq l-pjanta proposta mill-Perit li ġie waqt il-laqgħa tal-Kunsill u ma kienx hawn qbil, kompla jgħid illi l-Kunsilliera ġew żgwidati mill-Perit għaliex waqt il-laqgħa hu qal illi kellu jibgħat dokumenti kif ukoll ir-rapport tas-supretendent u b'hekk lehaq għadda iż-żmien għal oġġezzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi t-talba tal-Perit fil-laqgħa preċedenti kienet sabiex il-Kunsill jirtira l-oġezzjoni li għamel jiġifieri l-Kunsill kien diġa` oġġezzjona għal din l-applikazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Supretendent tal-wirt kulturali kien ta' l-verżjoni tiegħu lill Awtorita' tal-Ippjanar.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jitfa l-appell kif ukoll issir stqarrija fejn jgħid illi din hi l-aħħar dar antika li fadal fi Triq ix-Xatt u hija landmark fil-lokalita' fejn tidher min kull parti tax-xatt kif ukoll fir-ritratti l-antiki.

**59.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq punt 58.3.3 paġna 3 u qal illi l-Kunsill kellu jagħmel stqarrija stampa fejn jgħid illi l-impjant għandu jiżżarma u li issa ġejna aktar konxji kemm hemm periklu u għalhekk hemm bżonn titneħħa immedjatament.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-mozzjoni hu għamilha qabel ma ġara l-inċident sabiex bħala Kunsill nagħmlu pressjoni biex l-impjant jingħalaq pero issa jaf illi hemm perjodu ta' żmien biex isir dan.

Is-Sur Charlot Mifsud qal illi bħala Kunsill inqasna għaliex aħna kellna nagħmlu din l-istqarrija stampa u nagħmlu pressjoni sabiex tingħalaq mill' iktar fis possibli.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa qal illi l-proċess għandu jieħu 7 snin u dan skond kif ġie kkalkulat mil-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għad ma hemmx deċizzjoni u qal illi l-ewwel trid tingħalaq l-inkjesta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss illi l-Kunsill m'għandux ikellem lis-Sur Montebello iżda jmur oltre min hekk u jkellem lill-Ministru responsabbli.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu għal laqgħa mal-Ministru ikkonċernat.

**59.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt tkellem fuq paġna 2 artiklu 58.2.2 u staqsa jekk it-tabelli f'Marsaskala bdewx jinbiddlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bdew qed jinbidlu pero` qed jieħdu ż-żmien minħabba li hemm ħafna tabelli x'jinbidlu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk mhux ser isiru malajr għandna nibdew noħorġu d-default notices, kompla jgħid illi fil-kuntratt tat-tabelli u sinjali hemm stipulat illi l-kuntrattur għandu jdur it-tabelli kollha tal-lokal u jibdel skond xi jkun hemm bżonn u jiġbdu l-attenzjoni tal-Kunsill huma, kompla jgħid illi jekk ix-xogħol ma jsirx il-Kunsill għandu jżomm il-pagamenti tal-kuntrattur.

Il-Kunsilier is-Sur Sandro Gatt qal illi in-naħa tat-torri u n-naħa tal-pjazza it-tabelli ma jidher xejn fuqhom tant kemm qiegħdin fi stat gravi.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jagħti deadline ta ħmistax il-ġurnata sabiex jinbiddlu t-tabelli kollha li jinsabu fi stat ħażin f'Marsaskala partikolarment fi Triq ix-Xatt, Triq is-Salini u Triq il-Qaliet, jekk dan ix-xogħol ma jsirx fi ħmistax il-Kunsill jibda joħroġ id-default notices.

**59.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'Marsaskala hawn telqa kbira u staqsa fejn qiegħdin il-ħaddiema kollha li għandu l-Kunsill kemm dawk tal-ETC kif ukoll tal-IPSL.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mall-ħaddiema tal-IPSL ikun hemm anke żewġ ħaddiema oħra tal-ETC. Kompla jgħid illi hemm żewġ ħaddiema tal-ETC li qiegħdin jiżbgħu l-ġnien ta' San Tumas filwaqt li l-ħaddiema tal-IPSL ikollhom anke xogħol ta' tqassim ta' karti u bosta affarijier oħra bħal bankini, marki, tabelli li jkunu jridu jsiru wara li l-Kunsill ikun rċieva lment fuqhom.

**59.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi nqata l-ħaxix fi Triq il-Blajjiet pero l-ħaxix tħalla fit-triq.

Kien hemm qbil unanimu illi ninfurmaw lis-Sur Saviour Mifsud bdan u ngħidulu illi jekk dan jerġa jseħħ ser noħorġulu default notice.

**59.2.8** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu ser jagħmel laqgħa mal-Green wardens sabiex kull min jinqabad jarmi mal-BIS għandhom iħarkuh pero importanti illi ma jiġix xi Kunsillier jitlob li tinħafer xi ċitazzjoni ta' xi ħadd.

Is-Sur Charlot Mifsud qal illi għandna ninfurmawhom ukoll sabiex jieħdu ħsieb dawk ir-residenti li ma jarmux l-iskart wara bibhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jaqbel ma din l-inizjattiva pero ma jaqbilx li dawn jiġu jduru fil-lokal fil-ħinijiet ta filgħodu u jagħtu ċ-ċitazzjonijiet għaliex fit-triq tiegħu jistgħu jipparkjaw fuq bankina li hi wiesgħa 3 metri pero l-wardens qiegħdin jagħtu ċ-ċitazzjonijiet xorta waħda.

**59.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk it-tarmac li sar fi Triq l-Iskal huwiex tal-Enemalta għaliex dan nieżel kollu.

Kien hemm qbil unanimu li nkellmu lill Enemalta sabiex jagħmlu reinstatement tajjeb.

**59.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**59.3.1** ***Mollijiet u blat mad-dawra tal-kosta (35/1923/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sindku ppreżenta kommunikazzjoni, is-Segretarju eżekuttiv qara l-kommunikazzjoni tas-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna lista sħiħa ta' mollijiet li huma sfrundati.

Kien hemm qbil unanimu illi nikkomunikaw mal-Ministru Ian Borg u nibgħatulu saħansitra ritratti.

**59.3.2** ***Applikazzjoni PA/04768/17:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi din l-applikazzjoni hija tar-ristorant ta' ħdejn il-Kunsill fejn qed japplika sabiex jittieħdu żewġ parkeġġi għall-imwejjed u siġġijiet taħt il-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li kien diġa' tefa l-oġġezzjoni.

Il-Kunsillier Is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-parking spaces tal-Corner view ittieħdux għaliex minflok mwejjed u siġġijiet issa hemm tabelli.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi legalment f'dan l-istadju hu jista jħalli l-imwejjed u siġġijiet sakemm jinqata l-każ.

Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal illi mwejjed u siġġijiet ma hemmx imma xorta waħda qedgħin jitħallew tabelli biex ma jipparkjawx vetturi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma nistgħu nagħmlu xejn la darba il-każ għadu ma ngħalaqx.

**59.3.3** ***Ċelebrazzjonijiet tal-203 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta (35/1960/17/I):***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jieħu pjaċir b'dawn l-attivitajiet pero japprezza wkoll li f'Marsaskala jkollna aktar infurzar matul is-sena min naħa tal-Pulizija.

**59.3.4** ***Un/loading bay fi Triq Sant Antnin (35/1138/17/I):***

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fi Triq Sant Antnin fetaħ ironmongery ġdid u sa fejn jaf hu un/loading bays dejjem ingħataw prijorita għal ħwienet ta' dan it-tip pero is-Sur Bartolo infurmana illi Transport Malta ma tawhx permess.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-ironmongerys kollha f'Marsaskala għandhom din un/loading bay.

Sar qbil unanimu illi bħala Kunsill ser nagħtu l-appoġġ lis-Sur Bartolo sabiex issir din l-un/loading bay għal 4 siegħat ta' filgħodu.

**59.4** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**59.5** **Rapporti:**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

**59.6 Approvazzjoni tat-tender KLM 2017/02 Service for Marsaskala Street Sweeping Cleaning and Grass cutting in Urban roads within Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi fil-bord ta' evalwazzjoni hemm is-Sur Joe Mercieca bħala rappreżentant tal-pubbliku, l-accountant is-Sinjura Doreen Mintoff fejn tiffoka fuq l-aspetti finanzjarji u din tgħid anke sabiex isir it-target tal-istima tat-tender flimkien miegħu, kompla jgħid illi f'dan it-tender għen il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar. Hemm ukoll fil-bord is-Sur Chris Schembri.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm ħafna affarijiet fit-tender li ma jaqbilx magħhom fosthom il-fatt illi l-Kuntratt huwa għal 3 snin u ma jiġġeddiedx kull sena iżda jibqa sejjer anke jekk il-kuntrattur ma jkunx qed jagħmel xogħlu sewwa, kompla jgħid illi din hija direttiva tad-Dipartiment tal-Kuntratti u l-ilmenti jibqgħu jiġu għal wiċċ il-Kunsill.

- ***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja daħal għal laqgħa fis-19.11pm.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-ittra ppreżentata lill-Kunsilliera ta' kuntrattur illi tefa l-offerta f'dan it-tender mhux suppost tiġi ikkunsidrata.

Kien hemm qbil illi l-ittra ma tiġix ikkunsidrata.

Is-Segretarju Eżeuttiv spjega r-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord tal-aġġudikazzjoni qiegħed jirrakomanda lis-Sur Saviour Mifsud sabiex jingħata t-tender għaliex huwa technicially and administratvely compliant kif ukoll huwa l-irħas offerent. Is-segeratrju eżekuttiv qal illi fil-mument lis-Sur Mifsud ma jaderixix mat-tender dan jista jaqa u t-tender jmur għat-tieni l-orħos offerent.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kemm ser ikunu qed jagħmlu ħin fil-lokal il-ħaddiema, kompla jgħid illi fit-tender ta' qabel kien hemm stipolat kif ħarġet ir-rata tal-kuntrattur hu qal illi meta kien fil-bord tlett snin ilu l-accountant kienet ħadmet s-siegħat u l-hourly rate li ser jitħallsu bihom il-ħaddiema ghalhekk hu jitlob biex qabel mal-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni għandu jsaqsi lill offerent għal din l-informazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi m'għandix x'taqsam kemm jagħmlu siegħat għaliex jaf ikollok ħaddiema li jaħdmu siegħat twal u inqas xogħol u jaf ikollok min jagħmel aktar xogħol f'inqas ħin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li ma jħossx li nkunu qed nkunu korretti ma dan il-bidder għaliex la darba dan huwa technically and administratevly compliant m'għandix għalfejn jinbidlu l-ispeċifikazzjonijiet issa wara li ngħalqu l-fferti u tistaqsi għal aktar informazzjoni liema informazzjoni ma kienet qatt mitluba.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jrid illi nibgħatu għal din il-kjarifika biss lill dan il-Kuntrattur fejn jispjega kemm huma s-siegħat li ser jagħti u kemm ser iħallas lill-ħaddiema.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bis-sistema tal-EPPS l-offerenti dejjem iridu jniżżlu l-minimum hourly cost u fil-fatt kien hemm bosta kuntratturi li ħadu żball u reġa bagħtu l-informazzjoni korretta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu jrid jistaqsi lid-Dipartiment tal-Kuntratti jekk nistgħux ngħamlu dan għaliex strettament ma nistgħux nikkomunikaw b'email mal-Kuntrattur imma bis-sistema tal-EPPS stess.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-ħinijiet huma bejn is-7:00am ta' filgħodu u l-4:30pm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-ispeċifikazzjonijiet ma kienx hemm stipolat ammont ta' siegħat bil-lista tar-rotot li għandhom jagħmlu erba ħaddiema u jiġu jiffirmaw il-Kunsill filgħodu qabel jibdew ix-xogħol u wara li jlestu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li ġiet opportunita sabiex neħilsu mill-problema li ilna naffaċċjaw għal tul ta żmien mal-kuntrattur preżenti u ngħatu ċans lil xi ħadd ġdid, kompla jgħid illi biex tkun ċert illi x-xogħol isir sew ta' kuljum għandna nibgħtu lil xi ħadd idur warajhom hekk biss jista jkollok iċ-ċertezza li x-xogħol qed isir. Is-Sur Camilleri qal illi hu qatt ma kellu daqshekk ilmenti daqs kemm qed ikollu bħalissa.

Kien hemm qbil unanimu illi l-board jistaqsi għal kjarifikazzjoni lis-Sur Saviour Mifsud sabiex jgħati kjarifika fuq il-ħinijiet tal-ħaddiema.

**59.6.1 <u>MLC01/2017 Supply and Delivery of print cartridges to Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kien hemm 4 offerenti li kienu kollha administratevely and technically compliant u l-orħos wieħed kien is-Sur Keith Abela obo Office Point.

Kien hemm qbil unanimu illi is-Sur Kieth Abela jieħu t-tender.

**59.7 <u>X'ser isir rigward l-applikazzjoni għal fondi rurali wara li l-Ministeru applika għal erba toroq fil-Lokalita' ta' Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Gvern diġa indika 4 toroq li ser jagħmel ġewwa Marsaskala u ma jafx jekk il-Kunsill għandux japplika għal aktar fondi permezz tas-Sinjura Sonia Sammut u jirriskja li l-proġett ma nieħduhx.

Is-Sindku qal illi l-bieraħ il-Kunsill irieva xi korrispondenza mill-MEUSAC.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħol tal-MEUSAC hu li jgħinu l-entitajiet tal-Gvern.

Kien hemm qbil unanimu li nikkonsultaw mas-Sinjura Sammut jekk għandnix napplikaw fid-dawl li l-Gvern Ċentrali applika għal erba toroq rurali f'Marsaskala.

**59.7.1 <u>Talba mingħand is-Sur Jesmond Calleja biex issir talba viċin il-Monument tad-Douzelage (35/1878/17/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Jesmond Calleja fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex itih aċċess għad-dawl kif ukoll permess sabiex tkun tista issir din l-attivita' ta' talb f'Marsaskala.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi tajjeb nistaqsuh x' ser ikun hemm armat u kemm ser jieħu spazzju.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nistgħu ntuh post alternattiv.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb illi nitolbu kjarifika ta' x'inhi din l-organizzazzjoni qabel ntuh permess.

Kien hemm qbil unanimu li nikkomunikaw mas-Sur Calleja u nitolbuh kjarifika ta' min huma bħala għaqda u jekk din l-attivita' hux ser issir kull ġimgħa.

**59.7.2** **Talba mingħand Leanne Zarb sabiex il-kuntrattur jingħata lura l-flus li kien ħallas tat-tower crane :**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif kien ġie dan il-kuntrattur u għamel permess għal tower crane minn April sa Diċembru pero wara irċivejna korrispondenza mingħandu fejn qed jitlob rifużjoni tal-flus li ħallas għaliex hu qal illi l-crane jinsab f'post privat, pero meta ra sew ir-ritratti dawn juru li hu qed jieħu parti mill-bankina li mhijiex privata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan il-kuntrattur ingħata permess mill-Planning Authority fejn sar service duct biex jagħmel il-wiring aktar l-isfel pero dan ma jfissirx li bankina pubblika hija propjeta' tiegħu.

Kien hemm qbil unanimu illi ma jingħatax rifużjoni.

**59.7.3** **Informazzjoni dwar PA 2240/17 li ntalbet waqt is-seduta preċedenti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kif jidher fl-applikazzjoni hemm ritratt li juri t-tankijiet tal-gas , kompla jgħid li fost l-oġġezzjonijiet li daħlu hemm dik ta' inġinier fejn jindika lista ta' affarijiet li mhux qiegħdin kif suppost.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li din il-persuna daħlet l-applikazzjoni għal permess ma ingħatax permess u xorta waħda għamlet dawn it-tankijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill diġa oġġezzjoni u staqsa jekk għandux jelabora bir-raġunijiet tal-oġġezzjoni.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill jelabora fl-oġezzjoni tiegħu u jgħid illi ma jaqbilx mat-tankijiet tal-gas la taħt l-art u lanqas fuq meta dawn ikunu postijiet pubbliċi.

59.7.4 **Informazzjoni dwar PA 2784/17 li kellha tiġi sottomessa mil-Permit Mintoff:**

Dan is-suġġett ġie diskuss fl-artiklu 59.2.3.

59.7.5 **Preparamenti għal festa ta' Marsaskala u Jum Marsaskala:**

Is-Sindku qal illi l-Kumitat qed jipproponi lis-Sur Salvu Debono għal Ġieħ Marsaskala pero jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jixtieq li jipproponi lil xi ħadd ieħor jista jinforma lil xi membru tal-kumitat. Is-Sindku kompla jgħid illi ser issir quddies il-Ħadd filgħodu u ġieħ Marsaskala ser jingħata fil-kunċert tal-banda li għal-ewwel darba ser isir fil-ġimgħa tal-festa. Kompla jgħid illi kien hemm xi disgwid bejn il-kumitat tal-banda u l-Kappillan pero ntleħħaq qbil li jintramaw mwejjed u siġġijiet fejn is-soltu jkun hemm il-blood unit fejn dawn ikunu qed iħarsu lejn is-simenta. Ser ikun hemm ukoll bbq li ser isir fil 25 ta' Lulju. Dan ser jiġi organizzat min naħa tal-Kappillan.

Kien hemm qbil unanimu.

59.7.6 **Preparamenti għal Karnival li din is-sena se jsir fis-27 t'Awwissu 2017:**

Is-Sindku qal illi għal Karnival ta' din is-sena ser ikun hemm xi tibdil fejn is-sound ser ikun fuq is-simenta u l-karrijiet jduru minn ħdejn is-simenta u jibqgħu ħerġin 'l barra.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi tajjeb li l-mużika li tkun qed tindaqq fuq is-simenta tkun l-istess bħal dik li jkun għaddej biha l-karru.

Is-Sindku qal illi ser terġa issir laqgħa mal-persuni involuti fil-Karnival biex isiru aktar kjarifiki. Il-Kunsill għandu jinnotifika meta ser issir din il-laqgħa.

59.7.7 **Minuti tal-laqgħa mas-sidien tal-Jerma Palace Hotel :**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill illi hu kien ikkomunika ma' propjetarju tal-Jerma sabiex jinqagħata l-ħaxix u kienu pproponew sabiex issir laqgħa ġewwa l-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti meħudha waqt il-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi r-residenti ta' Marsaskala jridu jkunu jafu meta ser titwaqqa l-binja.

Is-Sindku qal illi huma proponew żewġ alternattivi waħda minnhom li tinbena binja bħal ma kienet u tlett sulari aktar għolja jew inkella jsir dan it-torri imma jkun hemm aktar ftuħ, hu qal illi jara li bit-tieni proġett ir-residenti ser igawdu aktar milli kieku terġa tinbena l-Jerma kif kienet.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ mil laqgħa fit-20.34pm.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ħadd m'għandu garanzija illi la darba jtella torri wieħed ma jtellgħux iktar fil-futur.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-Kunsill għandu joġġezzjona għal high rise building għaliex kif jibni wieħed kulħadd jibda jtella it-torrijiet simili fil-Lokal.

Il-Viċi Sindku is-Sinjura Desiree Attard qalet illi hi ma taqbilx ma dan il-proġett ta' high rise.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb niltaqgħu magħhom meta jġibu iż-żewġ pjanti li tlabnijhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi mhux fil-kompitu tal-Kunsill li jiltaqa mal-kuntratturi u jiddeċidu liema proġett għandu jsir.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill qiegħed biex jiddiskuti u mhux biex jaħrab mill-problemi.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi għandhom jiġu nklużi dawn il-minuti mall-minuti l-oħra tal-laqgħat tal-Kunsill sabiex ikunu pubbliċi għar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-posizzjoni tiegħu tibqa l-istess bħal ma kien diġa qal fil-mozzjoni cioe` li dik il-binja tinxtara mill-Gvern Ċentrali u jitħalla post miftuħ għall-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb li niltaqgħu magħhom biex naraw il-proposti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal nistgħu niltaqgħu magħhom mingħajr ma nikkumentaw.

Is-Sindku qal li hemm bżonn li nkunu nafu x'qed jiġri.

Is-Sindku qal illi ma jistax ikun illi investitur jinvesti u ma jiżviluppax.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu jixtieq jara il-pjanti proposti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt jaqblu li niltaqgħu magħhom.

Il-Kunsill qabel li niltaqgħu mall-iżviluppaturi pero għadu ma ħax posizzjoni fuq il-każ.

**59.7.8** **Tender Bandli taz-Zonqor (35/1911/17/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tender ser joħroġ dalwaqt .

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal sabiex ineħħu l-ħadid kolllu li hemm u l-bankijiet li hemm noħduhom u nutilizzawhom post ieħor, is-Sur Ciantar qal illi flok bozoz għandhom isiru floodlights.

## 59.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:

**59.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta invoice li daħlet tard waqt din is-seduta.

Is-Sur Ronald Bezzina – Invoice 33 – Street sweeping May 2017 - €356.50

59.8.2 Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-pagamenti tal-Koptasin *4674 u *4675 għandhom jinżammu pendenti sakemm isir ix-xogħol.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

## 59.9 *Mozzjonijiet:*

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 59.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 20 ta' Lulju 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 22 ta' Ġunju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |